MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 1195/1997/1

John Muscat
vs
Kalaxlokk Construction Company Limited u b'digriet ta' l-1 ta' Marzu 2000 gie korrett ghal Kalaxlokk Company Limited

Illum 3 ta' Marzu 2005

It-Tribunal

**RIKORS:**

Ra r-rikors pprezentat mir-rikorrent fl-1 ta' Dicembru 1997 fejn wara li ppremetta illi minhabba ingustizzja gravi li huwa bata' bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, minhabba l-agir illegali u diskriminazzjoni anki politika tal-intimata.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif ser jinghad:-

Illi huwa kien dahal jahdem mal-intimata fi Frar tal-1987 bhala Labourer. Huwa kien gie assenjat mal-Marine

Section jiehu hsieb il-makna ta' Lanca, bhala "assistant mechanic". Ir-rikorrent matul dan iz-zmien kien ghamel kors prattiku fuq il-makni tal-bahar biex jkun jista jservi ta' "engine driver".

Illi kien kif appena nbidel il-gvern fl-1987 huwa gie trasferit minn mal-Kumpanija intimata ghal mal-Public Works u mibghut il-Hamrun jahdem fuq il-bankini. Sadattant huwa kien ghadu impjegat u kien ghadu qed jithallas mal-kumanija kontenuta. Hawn huwa dam jahdem madwar sena.

Illi mill-Hamrun huwa eventwalment gie mibghut f'Hal Kirkop f'Tar-Robba fuq xoghol ta' tindif, jaqta' l-haxix fit-toroq. Hawn dam ftit aktar minn sena. Wara kien intbaghat ix-Xemxija jaghmel l-istess xoghol. Ghaddew xi sitt gimghat u rega spicca f'Tar-Robba fuq l-istess xoghol.

Illi kien fl-1991 li huwa rega ha "transfer" iehor ghal Dellimara biex jaghmel xoghol fuq il-Power Station. Hawn gie moghti biex jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni inkluz fuq il-"concrete". Dana b'self mal-Kumpanija Taljana li bdiet tibni l-"Power Station". Waqt dan ix-xoghol r-rikorrent kien kwalifikat bhala "Skilled Labour" u kien mhallas b'paga ahjar.

Illi fl-1992 il-kumpanija intimata regghet gabitu lura u beda jaghmel xoghol ta' tindif. Kien f'din is-sena li l-Kumpanija, kienet harget xi promozzjonijiet ghal "Skilled Labouer" u minkejja li huwa kien jikkwalifika ghaliha din il-promozzjoni huwa qatt ma hadha. Fl-istess hin kien hemm diversi minn shabu li minkejja li kienu nferjuri ghalih inhatru fil-waqt li huwa ma ha l-ebda promozzjoni.

Illi ghaldaqstant dan l-agir tal-kumpanija konvenuta kien kkawza dannu kbir ghall-karriera tar-rikorrent, li gie trasferit ingustament, diversi drabi u mitlub jaghmel xoghol li huwa ma kienx mharreg ghalih, u billi huwa kien jikkwalifika ghal promozzjoni u ma nghatatx lilu. Dana kollu wassal biex ir-rikorrent sofra telf fl-avvanz u fil-promozzjonijiet li kienu jixirqulu u per konsegwenza huwa

bata’ minn telf ta’ seniority fuq il-post tax-xoghol li eventwalment telfuh fil-hlas tal-pensjoni lilu.

Illi huwa biex jsostni l-ilment tieghu, kien bi hsiebu jgib il-provi kollha mehtiega u x-xhieda hawn isfel elenkati, sabiex dan t-Tribunal jkun jista jiddeciedi fuq it-talbiet u l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant talab lil dan it-Tribunal tal-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji jisma u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u 1. Jikkundanna lill-intimata li tirrendi lir-rikorrent dik is-seniority li huwa tilef billi jinghata l-promozzjoni li kien haqqu b’lura mid-data tal-promozzjonijiet; 2. Tordna li ssirlu aggustament fil-kalkolu tal-pensjoni lilu dovuta skond il-ligi, kif ukoll illi taghti lir-rikorrenti dik il-promozzjoni li huwa haqqu; u/jew 3. Li tigi ordnat li jinghata kumpens xieraq ta’ mhux aktar minn Lm5000 ghall-ingustizzja li bata u 4. Jinghata lilu kumpens ta’ mhux aktar minn Lm5000 jew kif jidhirlu dan it-Tribunal skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ngunt is-subizzjoni.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tas-socjeta’ intimata fejn wiegbet illi:

Illi r-rikors sar kontra Kalaxlokk Construction Company Ltd. Lill-intimat ma jirrizultalux li qatt ezistiet xi kumpanija b’dan l-isem. Certament illum din il-kumpanija ma tezistiex. Illi ghalhekk, galadarba r-rikors tar-rikorrent sar kontra persuna li ma tezistiex t-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ghal kull buon fini tal-ligi u subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li diga ntqal il-Kalaxlokk Company Limited bir-rispett tixtieq tesponi s-segwenti:

Illi l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Illi waqt il-impjieg tieghu mas-socjeta` intimata r-rikorrent ntalab jaghmel diversi xogholijiet skond l-esigenzi tal-Kumpanija u ma nghata l-ebda transfer diskriminatorju u politiku kif qed jilmenta r-rikorrent.

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent li sofra ngustizzja meta ma nghatax l-promozzjoni ghall-grad ta' "Skilled labourer" hija similment nfondata, kif jirrizulta ahjar mix-xhieda u mit-trattazzjoni.

Illi t-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata li giet icitata hazin, giet sanata bid-digriet ta' dan it-Tribunal ta' l-1 ta' Marzu 2000 fejn gie kkoregut l-isem tas-socjeta` intimata biex b'hekk it-Tribunal seta' baqa' ghaddej bil-meritu.

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent dahal jahdem mas-socjeta` intimata b'mod irregolari fis-26 ta' Frar 1987. Dahal fl-iktar grad baxx bhala casual worker (xhieda Edwin Mamo fol 24 Dok EM1 fol 64). Bejn Frar u Mejju 1987 kien jahdem fil-Marine Section jiehu hsieb magna ta' lanca bhala "Assistant Mechanic". Wara l-elezzjoni ta' l-1987 gie trasferit ghall-progett naddaf Malta ma haddiema ohra tal-Public Works u xi mitt haddiem iehor mill-Kalaxlokk. Fid-9 ta' Jannar 1989 ntbaghat l-"Auxiliary Workers Training Scheme". Dak iz-zmien il-kumpanija intimata kellha madwar 2000 impjegat illi hafna minnhom kienu irregolari mpjegati qabel l-elezzjoni. Ghalhekk sar ftehim mal-GWU sabiex il-haddiema zejda illi kellha l-Kalaxlokk jintbaghtu postijiet ohra fejn kien jirrikjedi ix-xoghol. B'hekk gara li fit-23 ta' Lulju 1990 ir-rikorrent flimkien ma haddiema ohra labourers gew trasferiti jew mislufa biex jahdmu mal-

Kumpanija Taljana ‘FETCO’ fil-kostruzzjoni tal-power station il-gdida (Dok EM2 fol 66).

Fil-15 ta’ Jannar 1992 is-socjeta` intimata accettat li tirregolarizza l-pozizzjoni tar-rikorrent fl-impjieg tieghu maghha bil-grad ta’ labourer (Dok EM3 fol 67). Fit-23 ta’ Settembru 1992 Lawrence Cefai Senior Shop Steward mal-GWU ghamel talba lis-socjeta` intimata sabiex numru ta’ haddiema, inkluz ir-rikorrent, jinghataw il-grad ta’ “Construction Tradesman I”. Peress illi dak iz-zmien kien qed isir studju biex jigi iddentifikat in-numru ta’ “Construction Tradesman I” li l-Kumpanija kellha bzonn, din it-talba ma setghetx tintlahaq mill-ewwel (fol 69). Dak iz-zmien ukoll saret skema ghall-irtirar volontarja kontra 26 gimgha paga. Ir-rikorrent applika biex jidhol fl-iskema izda ma gietx accettat peress li kien fi zmien qrib l-eta ta’ l-irtirar. Minflok talab li jibqa’ d-dar u jircievi l-paga liema talba giet milqugha sakemm spicca bl-eta ta’ 61 sena fl-20 ta’ Novembru 1993.

Ir-rikorrent qieghed jilmenta li tul iz-zmien kollu illi ghamel mas-socjeta` intimata baqa’ dejjem fl-istess grad ta’ labourer meta kien hemm ohrajn li gew promossi. Jghid li meta kien qed jahdem mal-‘FETCO’ fil-power station hu kien qed jaghmel xoghol fuq il-konkos li kien jirrispetta “skilled worker” u fil-fatt kien hemm ohrajn li gew promossi ghal “skilled worker” u moghtija paga oghla. Spjega wkoll illi dak iz-zmien kien meqjus bhala “steel fixer” illi skond hu kien jirrifletti “skilled labourer”. Semma fost ohrajn lil certu Toni Mizzi illi ha promotion u John Galdes li t-tnejn kienu labourers izda saru skilled b’paga oghla. Qed jitlob lil dan it-Tribunal li jirregolarizza l-poizizzjoni tieghu peress illi skond hu gie diskriminat.

Ikkunsidra

Min-naha tas-socjeta` intimata xehed l-Administration Manager li spjega fid-dettal u b’dokumenti l-karriera kollha tar-rikorrent mas-socjeta` intimata. Spjega kif labourer u steel fixer kienu fl-istess kategorija u jiehdu l-istess paga izda min kien fixer kien qed jiehu xoghol skond il-kapacitajiet tieghu. Rigward Toni Mizzi dan labourer kien

u labourer baqa' izda jista' jkun li tela fil-grad skond in-numru tas-snin li serva mal-Kumpanija. Xehdu wkoll Nazzareno Caruana u John Galdes dak ta' l-ewwel (fol 43) kien jahdem mar-rikorrent bhala labourer izda meta kien qed jahdem fuq il-lant tax-xoghol, wegga' u minhabba f'hekk sar ftehim mal-GWU illi jigi moghti l-grad ta' cleaner. Dan il-grad sussegwentement spicca fi grupp B b'paga oghla. Xehed ukoll John Galdes (fol 45) li kien jahdem mar-rikorrent pero` meta marru l-power station infirdu u hu sar "skilled labourer" wara xoghol li kien jaghmel fuq shuttering tal-konkos. Ma jafx x'kien qed jaghmel ir-rikorrent fil-grupp tieghu izda sa fejn kien jaf hu kien qed jaghmel l-istess xoghol. Kienu grupp ta' 6 li kienu dahlu originarjament b'mod irregolari mas-socjeta` intimata u marru mad-ditta taljana 'FETCO' fejn saru skilled labourers u zdidilhom ix-xoghol.

Edwin Mamo spjega li huwa veru li Nazzareno Caruana gie mtella grad ghal grupp B, dan pero` ma kinitx promotion izda biss zieda fil-paga. Wara ftehim kollettiv illi sar mal-Union gie deciz li l-grad ta' cleaners isir grad B u ma jibqax aktar grad A, Nazzareno Caruana kien l-unika wiehed fis-socjeta` intimata li bbenefika min tali bdil. Kienet b'kumbinazzjoni li gara hekk. Fl-1994 il-Kumpanija ghaddiet ghand in-'NOVITA' biex tahdem it-terminal 2 tal-Freeport meta rtira r-rikorrent mir-rank tieghu ma kienx hemm promozzjonijiet. Is-Sur Mamo ghamel referenza ghall-ismijiet illi dehru fl-ittra illi kien baghat Lawrence Cefai u qal li minn dawk l-ismijiet hadd ma ha promozzjoni.

Ikkunsidra

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali t-Tribunal ma jidhirlux li r-rikorrent lahaq dak il-grad ta' prova necessarja biex jikkonvinci lit-Tribunal illi saret diskriminazzjoni kontra tieghu. Minbarra x-xhieda tar-rikorrent l-unika persuna li seta' jitfa xi dawl kien John Galdes (fol 45) illi kien jahdem mar-rikorrent u li bhalu mar il-power station. Galdes qal illi l-grupp ta' sitta li kienu jahdmu mieghu kollha saru skilled izda r-rikorrent ma kienx jadem fl-istess Dipartiment tieghu ghax infirdu u ma jafx x'xoghol kien qed jaghmel pero`

kien jaf li s-sezzjoni li kien fiha Muscat kien qed jaghmlu l-istess xoghol tal-grupp tieghu. Din pero` mhijiex bizzejjed biex tikkonvinci lit-Tribunal li sar xi forma ta' diskriminazzjoni kontra r-rikorrent. Min-naha l-ohra Edwin Mamo Administration Manager mas-socjeta` intimata kien aktar car fix-xhieda tieghu u spjega b'mod grafiku u dokumentat il-karriera tar-rikorrent mas-socjeta` intimata. Fil-bidu tieghu meta dahal b'mod irregolari in segwitu ta' rakkomandazzjoni ta' ittra tas-Segretarju privat tal-Ministru tax-Xogholijiet bhala casual worker u baqa' mas-socjeta` intimata fejn il-pozizzjoni tieghu giet regolarizzata fil-15 ta' Jannar 1992 bil-grad ta' labourer. Minn imkien ma jirrizulta illi saru xi promozzjonijiet minn dan il-grad jew il-grupp ta' nies li dahlu mar-rikorrent bi pregudizzju ghar-rikorrent. Gie spjegat ukoll il-kaz ta' Nazzareno Caruana fejn wara li wegga ma setax jibqa' fil-grad ta' labourer u sar cleaner li b'kumbinazzjoni wara l-ftehim kollettiv li sar mal-GWU (fol 62) il-grupp tieghu gie mibdul ghal grupp B b'zieda fil-paga, izda din ma kinitx promozzjoni.

Peress illi s-socjeta` intimata giet mghobbija b'xi 2000 haddiema li ma kellhiex bzonn, u biex tkun tista' topera sar ftehim biex hafna mill-haddiema jigu trasferiti jew inkella jirtiraw fuq skema volontarja. F'Jannar 1992 meta l-impjieg tar-rikorrent gie regolarizzat kien vicin l-eta ta' irtirar u r-rikorrent applika sabiex jibbenifika mill-iskema izda ma gietx accettata u minflok giet accettata t-talba tieghu illi jibqa' d-dar u jircievi l-paga. It-Tribunal hawnhekk isib dan l-arrangament ferm favorevoli ghar-rikorrent u zgur ma sarx xi att diskriminatorju fil-konfront tieghu. Hija haga verament komda li tibqa' d-dar u tircievi l-paga sakemm spicca bl-eta ta' 61 sena fl-20 ta' Novembru 1993.

Ghalhekk it-Tribunal ma jidhirlux illi saret xi diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent mis-socjeta' intimata. F'dawn ic-cirkostanzi m'ghandux triq ohra hlief li jichad it-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------